**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il- Hamis 24 ta' Settembru 2020.**

**Rikors nru: 222/2020 AGV;**

**AB**

**Vs**

**CD**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB, datat** 17 ta' Lulju 2020, fejn ppermetta u pprezenta is-segwenti;

1. Illi l-esponenti zzewwgu nhar id- 9 ta' Lulju 2011.
2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn ma' xulxin sa mil-11 ta' Marzu 2016 skont ma jirrizulta mill-anness att ta' separazzjoni personali taghhom, fl-atti tan-nutar pubbliku Dr. Margaret Heywood LL.D., kopja annessa u mmarkata Dok. PD 1.

3. Illi ma hemm l-ebda prospett regenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li minbarra l-fatt illi l-partijiet ilhom separati sa mill- 2016, huma ormai ghandhom hajja totalment separata minn ma’ xulxin.
4. Illi ma hemm l-ebda forma ta’ manteniment dovut versu l-konvenuta, u li l-partijiet lanqas ma kellhom ulied miz-zwieg taghhom.

Ghaldaqstant, l-esponent titlob reventement illi dina l-Onorabbli Qorti joghogbha;

a. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
b. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghaldaqshekk mill-istess Qorti, javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

**Il-Qorti rat ir-risposta ta’ CD** datat 17 ta’ Awwissu 2020, fejn esponiet bir-rispett;

a. Illi r-rikorrent talab biex din l-Onroabbli Qorti;
    1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg.*
    2. *Tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-direttur tar-registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-registru pubbliku.*

Illi l-partijiet kienu zzewwgu fid- 9 ta’ Lulju 2011, u sseperaw de facto f’Lulju elfejn u hmistax u eventwalment b’ mod legali fil- 11 ta’ Marzu 2016.

Illi l-intimata taqbel mar-rikorrenti li ma hemm l-ebda prospettiva ta’ rikonciljazzjoni.

Illi ghalhekk l-intimata taqbel ukoll mat-talbiet tar-rikorrenti.

Salv kull provvediment ulterjuri li din l-Onorabbli Qorti, jidrilha xieraq.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Rat li r-rekwiziti ghall-ghoti tad-divorzju gew soddisfatti skond il-ligi.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**